

Brussell, 1 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0207(NLE)**

12747/19
ADD 1

TRANS 467
MAR 150
EU-GNSS 36
AVIATION 189
ESPACE 74
RELEX 895
NIS 9

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 441 final
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 441 final.

Mehmuż: COM(2019) 441 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2019
COM(2019) 441 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili
Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati
Membri tagħha, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex
titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-
Rumanija mal-Unjoni Ewropea**

PROTOKOLL

GĦALL-FTEHIM TA' KOOPERAZZJONI

DWAR SISTEMA ĊIVILI GLOBALI TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (GNSS)

BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

U L-UKRAJNA

SABIEX TITQIES L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA U TAR-RUMANIJA GĦALL-UNJONI EWROPEA

L-UNJONI EWROPEA,

kif ukoll

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,
IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,
IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,
IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,
IR-RUMANIJA,
IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,
IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,
IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,
IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,
IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

minn hawn 'il quddiem imsejħha l-“Istati Membri”,
minn naħa waħda, u

L-UKRAJNA,
min-naħa l-oħra,

FILWAQT LI JFAKKRU l-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie ffirmat fl-1 ta' Diċembru 2005 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2013 u, b'mod partikolari, fl-Artikolu 17(3) tiegħu;

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 u l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għall-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013;

XEWQANA li r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija jaderixxu għall-Ftehim;

FILWAQT LI JQISU l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom tissejjes l-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' dawk l-Istati għall-Ftehim irid jintlaħaq qbil dwarha permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għal dak il-Ftehim,

QABLU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija għandhom ikunu Partijiet tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna u għandhom jadottaw u jieħdu nota, rispettivament, tat-test tal-Ftehim hekk kif għamli l-Istati Membri l-oħrajn.

ARTIKOLU 2

Dan il-Protokoll jifforma parti integrali mill-Ftehim.

ARTIKOLU 3

It-testi tal-Ftehim bil-Bulgaru, bil-Kroat u bir-Rumen huma mehmużin ma' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 4

Dan il-Protokoll għandu jidhul fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu għarrfu lid-Depożitarju tal-Ftehim, permezz ta' noti diplomatiċi, li jkunu lestew il-proċeduri legali interni rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

B'SINJAL TA' XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, awtorizzati kif għandu jkun, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ kopji fi xxxx, f'dan il-jum xx ta' mm tas-sena elfejn u zz, bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bi-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż, u bl-Ukren, u kull test huwa ugwalment awtentiku.

GĦALL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI
MEMBRI

GĦALL-UKRAJNA